

L-ISTATWA TITULARI TA'

# SAN PIETRU U SAN PAWL
## TAGĦLAQ 125 SENA FOSTNA

*Kitba ta' Anton Said*



L-Istatwa Titulari ta' San Pietru u San Pawl din is-sena għalqet 125 sena fostna. Kien f'Lulju tas-sena 1881, li l-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, wara erba' xhur biss li ħa t-tmexxija tal-parroċċa tan-Nadur, il-parroċċa li fiha twieled u tgħammed, wasal fi ftehim mad-ditta Galard et Fils ta'Marsilja, u kkumissjona l-istatwa artistika ta' San Pietru u San Pawl. Iż da kif waslet l-għażla għal għamla unika ta' din l-istatwa? Kif intgħażlet id-ditta Galard et Fils, u x'sorpriża kellhom in-Nadurin 125 sena ilu?

Il-Kappillan Naduri Dun Ġwann Camilleri jibqa' magħruf għaliex bis-saħħa tiegħu, fis-seklu dsatax, f' Għawdex inġiebu numru ta' statwi mingħand id-ditta Galard et Fils, fosthom tliet statwi titulari. Kien fis-sena 1863, ftit wara l- ħatra tiegħu ta' Kappillan tal-parroċċa taż-Żebbuġ, li wara li kien kiseb it-tagħrif meħtieġ dwar din id-ditta mingħand xi Ghawdxin emigranti fi Franza, il-Kappillan Camilleri kkumissjona l-istatwa ta' Marija Assunta għal din il-parroċċa. Lura fiż-żmien meta kien ġie maħtur Kappillan tal-parroċċa tax-Xagħra, Dun Ġwann Camilleri kien ukoll ikkumissjona l-istatwa tant ħelwa ta' Marija Bambina, titular ta' din il-parroċċa. Fis-26 ta' Mejju 1878, meta l-knisja Parrokkjali tax-Xagħra Ġiet ikkonsagrata, f'dan il-jum kienet ukoll tbierket l-istatwa ta' Marija Bambina.



Lura bħala Kappillan fil-parroċċa tiegħu tan-Nadur, Camilleri, imqanqal bis-suċċess li kien kiseb fil-parroċċi preċedenti, dlonk ħass in-nuqqas ta' l-istatwa titulari. Għaldaqstant ftit xhur wara l-ħatra tiegħu, ikkumissjona l-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Fl-14 ta' Lulju 1881, kien diġa' sar il-ftehim, u tissemma l-ispiża ta' 300 skud li d-ditta Galard et Fils kienet talbet għal dan ix-xogħol. Mikiel Caruana li kien qarib tal-kappillan Camilleri offra nofs il-ħlas ta' din l-istatwa. Huwa ħareġ minn butu 150 skud għall figura ta' San Pietru. L-abbozz propost, fis-sena msemmija kien diġa ntbagħat fin-Nadur, iżda dan ma kienx skond dak mixtieq. Għalhekk Dun Ġwann Camilleri, permezz ta' disinni magħmula minu stess, ta' idea ġenerali lil Galard et Fils ta' kif kellha issir din l-istatwa. L-istatwa ta' San Pietru u San Pawl inħadmet fi żmien qasir u fis-sena 1882, kienet tinsab fin-Nadur. Pjanċa żgħira taħt il-persuna ta' San Pawl bil-kliem Galard Statuaire Marseille, u kliem ieħor simili b'żebgħa ħamra ta' Galard Marseille jindikaw minn min, u fejn inħadmet din l-istatwa.

Meta nkixfet, l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl intgħoġbot immensament. Iżda b'sorpriża, hekk kif inħarġet mill-kaxxa li kienet stivata fiha, instab li fuq in-naħa ta' wara ma kinitx indurata. Minħabba l-kobor tagħha, l-istatwarji franċiżi ħasbu li din kienet ser titpoġġa ġewwa niċċa u mhux biex tinĠarr proċessjonalment. Għalhekk, tqabbad il-Kapuċċin Patri Ġwannbattista Mamo, li b'sengħa kbira kompla x-xogħol ta' induratura fuq l-istess linji. Mitt sena wara l-miġja ta' din l-istatwa, inħadmet replika eżatta tagħha mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi. Fit-13 ta' Ġunju 1981, l-Isqof t'Għawdex Nikol Cauchi bierek din l-istatwa ġdida ta' San Pietru u San Pawl li kienet ġiet ikkommissjonata mill-komunitaċ Nadurija fl-Awstralja. F'Ġunju ta' ħamsa u għoxrin sena ilu (1982) din l-istatwa żżanżnet fil-festa ta' l-Imnarja li tiġi ċċelebrata ta' kull sena f'Melbourne. Kienet l-ewwel statwa minn fost ħafna li saru wara għal dan il-kontinent, fejn diversi festi maltin jiĠu ċċelebrati mill-komunitaċ maltija mferrxa f'dan il-pajjiż.



L-isem tal-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, bla dubju ta' xejn jibqaċ marbut ma' din l-istatwa tant għal qalb in-Nadurin, li skond ħsibijietu din ġiet komposta. Huwa ħalla isem għaliex fi żmienu, il-parroċċa tan-Nadur saret waħda Arċipretali (1893), u Kolleġġjata Insinji (1894). Mitt sena ilu, fl-aħħar snin ta' ħajtu, Dun Ġwann, issa Arċipriet, kien poġġa l-ewwel ġebla tat-tkabbir tal-knisja preżenti. Fl-1907 ingħata bidu għall-bini fuq stil rinaxximentali tas-seklu sbatax, tal-faċċata, n-navi u koppla ta' dan it-tempju monumentali ddedikat lill-Prinċpijiet ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl.

L-Arċipriet Dun Ġwann Camilleri miet fil-31 ta' Mejju 1910, fl- għomor ta' 80 sena. Huwa kien il-Kappillan li rabat ismu għall-ħidma li wettaq mal-parroċċi taż-Żebbuġ, tax-Xagħra u dik tiegħu tan-Nadur. Kien il-Kappillan li permezz tal-miġja ta' l-istatwi titulari ta' dawn it-tliet parroċċi, huwa sar tant maħbub. Hu kien dak li rnexxielu jnissel ferħ u mħabba dejjiema minn bosta ġenerazjonijiet lejn dawn ix-xbihat qaddisa.

Illum in-Nadurin din il-ġrajja memorabbli ta'125 sena ilu qegħdin ifakkru b'imħabba u b' tant għożża.

Referenzi u Ritratti: Arkivju Kolleġġjata Bażilika Nadur.

